MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 837/14LM

**L-Avukat Dottor Joseph Camilleri, bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera Cochlear Europe Limited, kumpanija estera reġistrata fir-Reġistru tal-Ingilterra u Wales (Numru 3874867)**

***vs.***

**Trebee Company Limited (C-45998)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-**Avukat Joseph Camilleri** in rappreżentanza ta' Cochlear Europe Limited, kif debitament awtorizzat (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), ippreżentat fis-24 ta' Settembru, 2014, u maħluf mill-istess Avukat Joseph Camilleri, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-kumpanija rikorrenti hija kumpanija estera illi tipproduċi u tbiegħ prodotti u apparat ta' natura medika. Trebee Company Limited hija kumpanija Maltija li tinnegozja fl-istess qasam.*

2. *Illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf seba' mija u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€124,720.39), bilanċ minn somma akbar prezz ta' apparat mibjugħ u kkonsenjat lill-intimata fuq talba tagħha stess (Dok. CE1: prospett ta' ammonti dovuti[1]; Dok. CE2: kopji ta' fatturi[2]).*

3. *Illi Trebee Company Limited qatt ma kkontestat il-quantum tal-fatturi inkwistjoni u kienet saħansitra infurmat lir-rikorrenti illi wettqet pagament akkont by bank transfer ta' mitt elf euro (€100,000) tramite erba' "transfer instructions" ta' ħamsa u għoxrin elf Euro kull waħda (Transfer instructions annessi bħala faxxikolu Dok. CE3[3]). Dawn l-allegati "pagamenti" però qatt ma seħħew u rriżulta li dan kien biss mezz kif l-intimata tirbaħ ftit tal-ħin.*

4. *Illi għalkemm saru xi skambji bejn il-partijiet sabiex jiġu evitati dawn il-proċeduri, dawn ma wasslu mkien u l-bilanċ imsemmi baqa' dovut anke wara li l-intimata ġiet debitament interpellata b'ittra legali fit-3 ta' Frar, 2014 (Dok. CE4[4]).*

5. *Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob li, prevja kwlasiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tiddikjara li l-intimata Trebee Company Limited hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf seba' mija u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€124,720.39), bilanċ minn somma akbar, prezz ta' apparat mediku mibjugħ u kkonsenjat fuq ordni tal-istess intimata.*

ii. *Tordna lill-intimata Trebee Company Limited tħallas lill-kumpanija rikorrenti l-imsemmija somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf seba' mija u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€124,720.39).*

[1] *A fol.* 6.
[2] *A fol.* 7 sa 9: *invoices* 1171098 u 1239007.
[3] *A fol.* 11 sa 14 immarkat bħala dok. CE 4 u mhux CE 3.
[4] *A fol.* 10 mmarkat bħala dok. CE 3 u mhux CE 4.

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata għal debiti kummerċjali skont il-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Trebee Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet maħlufa minn Pierre Buontempo, kif debitament awtorizzat, ippreżentata fit-3 ta' Novembru, 2014, li biha eċċepiet:

1) *Illi fl-ewwel lok huwa minnu li s-soċjetà intimata konvenuta għamlet negozju mas-soċjetà rikorrenti attriċi u li l-istess soċjetà rikorrenti attriċi kienet forniet apparat ta' natura medika lill-istess soċjetà intimata konvenuta iżda dan l-apparat kien fil-maġġor parti tiegħu fornut in konnessjoni ma' tender li għad hemm pendenti appell dwar l-aġġudikazzjoni tiegħu liema proċeduri s-soċjetà rikorrenti appellant qed issegwi mill-qrib.*

2) *Illi għalhekk il-fornitura ta' parti sostanzjali minn dan l-appart kienet in konnessjoni ma' dan it-tender u għalhekk parti mill-apparat li jinsab għand is-soċjetà intimata konvenuta huwa soġġett li jiġi ritornat lill-istess soċjetà rikorrenti attriċi f'każ li dan it-tender ma jintrebaħx.*

3) *Illi għalhekk, l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti attriċi hija intempestiva stante li l-proċeduri dwar l-aġġudikazzjoni tat-tender imsemmija għadhom mhux konklużi stante li hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell.*

4) *Illi għalhekk l-ammont reklamat mhuwiex kollu dovut in vista ta' dak hawn fuq espost partikolarment għall-fatt li parti sostanzjali minn dan l-apparat ġie konsenjat għall-finijiet tat-tender suriferit u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

5) *Illi għalhekk it-talba attriċi kif dedotta ma tistax tiġi milqugħa u dan għar-raġunijiet hawn fuq esposti.*[5]

[5] Ġew esebiti sensiela ta' *e-mails a fol.* 26 sa 34 tal-proċess, b'korrispondenza bejn il-partijiet inkonnessjoni mal-appell imsemmi fl-eċċezzjonijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2014 fejn laqgħet il-ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta nonostante li r-risposta maħlufa tagħha ġiet ippreżentata barra t-terminu tal-għoxrin (20) ġurnata.

Rat it-talbiet għal diversi differimenti mill-partijiet biex jittentaw jilħqu transazzjoni, liema transazzjoni ma seħħitx.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza bil-fakultà li fil-mori tad-differiment il-partijiet jiskambjaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà estera Cochlear Europe Limited tikkontendi illi għandha tieħu mingħand is-soċjetà Trebee Company Limited is-somma ta' €124,720.39 bħala bilanċ tal-prezz għal apparat mediku mibjugħ lilha. Min-naħa tagħha s-soċjetà

konvenuta Trebee Company Limited issostni li parti sostanzjali mis-somma mitluba mis-soċjetà attriċi tikkonċerna apparat mediku fornit lilha inkonnessjoni ma' *tender* li kien għad hemm pendenti appell dwar l-aġġudikazzjoni tiegħu, liema proċeduri s-soċjetà attriċi appellant kienet qed issegwi mill-qrib. Għalhekk dan l-apparat, li kien soġġett li jiġi ritornat jekk it-*tender* ma jintrebaħx mis-soċjetà attriċi, illum għandu jiġi ritornat lis-soċjetà attriċi u mhux dovut ebda ħlas inkonnessjoni miegħu. Is-soċjetà konvenuta ssostni wkoll li l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li meta nfetħet il-kawża kien għad hemm pendenti l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

**Antonio Sportelli**, *Area Manager Central Europe* ta' Cochlear AG, xehed[6] illi s-soċjetà konvenuta kienet id-distributur awtorizzat tagħha f'Malta u kienet timporta prodotti tagħha biex terġa' tbiegħhom lill-klijenti tagħha. Ix-xhud jgħid li l-klijent prinċipali tas-soċjetà konvenuta kienu sptarijiet u dipartimenti governattivi. Is-somma ta' €124,720.39 dovuta mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi hija l-bilanċ minn somma akbar ta' €210,000 li kienet oriġinarjament dovuta. Ix-xhud Sportelli jgħid illi s-soċjetà konvenuta issa qiegħda ssostni li l-apparat mediku mertu tal-kawża kien għal *tender* tal-Gvern u li kien soġġett li jiġi ritornat lura lis-soċjetà attriċi jekk ma jintrebaħx it-*tender.* Ix-xhud isostni li dan mhuwiex minnu u qatt ma kien hemm tali ftehim li jiġi ritornat lura l-apparat mediku jekk ma jintrebaħx it-*tender*, tant

[6] *A fol.* 55 sa 57.

hu hekk li s-soċjetà konvenuta diġà ħallset għal parti minn dan l-apparat mediku.

Antonio Sportelli jgħid li Pierre Buontempo, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta kien wiegħed li ser jitħallas l-ammont pretiż u f'Awwissu 2013 kien saħansitra bagħat lis-soċjetà attriċi kopji ta' erbgħa *"transfer instructions"* ta' €25,000 il-wieħed, li però qatt ma waslu għand is-soċjetà attriċi u jallega li dan kien sempliċement tentattiv biex is-soċjetà konvenuta tirbaħ aktar żmien. Ix-xhud jgħid li da parti tas-soċjetà attriċi huma kienu jafu bl-appell pendenti dwar it-*tender,* tant li huma ffinanzjaw nofs l-ispejjeż għal dan l-appell, però mhux bl-intendiment li s-soċjetà konvenuta tirritorna lura l-apparat mediku diġà mibjugħ lilha jekk titlef it-*tender*, iżda biex jekk tirbaħ it-tender, ikunu jistgħu jbiegħulha aktar apparat. L-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa *ai termini* ta' ftehim bil-miktub għad-distribuzzjoni ta' *"processors, components, surgical instruments, spare parts and accessories"*.

**Yasin Oezbas**, *European Credit Analyst* u *Chief Accountant* tas-soċjetà attriċi fix-xhieda tiegħu[7], jikkonferma dakollu li ngħad minn Antonio Sportelli fix-xhieda tiegħu, u żied jgħid li huwa kien *credit controller* meta nqalgħet din il-kwistjoni mas-soċjetà konvenuta u li l-ammont li ffinanzjaw għall-appell suriferit kien ta' €6,500.

[7] *A fol.* 58 sa 60.

**Riccardo Licari,** li kien tal-*Business Development Manager* tas-soċjetà attriċi, xehed[8] illi meta nqalgħet il-kwistjoni bejn il-partijiet, hu kien responsabbi għall-*area* ta' Ċipru u minħabba li Malta kienet parti mis-suq tagħhom fil-Mediterran, kien hu li kellu l-aktar kuntatti mas-soċjetà konvenuta, partikolarment ma' Albert Buttigieg u iktar riċenti ma' Pierre Buontempo. Licari kkonferma bażikament ukoll dak li ntqal minn Antonio Sportelli fix-xhieda tiegħu.

Xehed ukoll **Pierre Buontempo**[9] prodott mis-soċjetà attriċi, li qal li hu l-amministratur tas-soċjetà konvenuta, li hi proprjetà ta' Albert Buttigieg. Dan ix-xhud jgħid li kien ilu kwazi ħames snin mas-soċjetà konvenuta inkarigat biex jieħu ħsieb l-ordnijiet u biex ikun preżenti l-isptar. Ix-xhud jispjega li s-soċjetà konvenuta għandha *clinic* tal-*audiology* biex tagħmel testijiet, tapplika għal *tenders* tal-isptar u tinstalla apparat mediku u *hearing aids.* Buontempo jgħid li s-soċjetà konvenuta għandha tliet impjegati oħra magħha, tabib, impjegat ieħor li jieħu ħsieb it-*tenders* u segretarja.

Pierre Buontempo jgħid li fil-passat għal ċerti operazzjonijiet tal-udit, il-Gvern kien jibgħat pazjenti minn Malta f'Manchester, fejn is-soċjetà attriċi kienet twaħħlilhom *cochlear* u s-soċjetà attriċi kienet ilha ħames snin tinnegozja mal-Gvern biex iġġib apparat tagħha direttament f'Malta. Hu kien innegozja ma' Riccardo Licari għan-nom tas-soċjetà attriċi flimkien ma' Andrew Sciberras, audioloġista Mater Dei u wara kuntatti mal-Gvern Malti, irnexxielu għall-ħabta tal-2011 jilħaq ftehim biex jintbagħtu Mario Said, Herman Xuereb u audioloġisti u konsulenti oħra a spejjeż tas-soċjetà

[8] *A fol.* 61 sa 63.
[9] *A fol.* 67 sa 77 u 79 sa 82.

konvenuta, biex jingħataw taħriġ. Is-soċjetà konvenuta kienet anki ġabet f'Malta konsulent barrani biex jagħti taħriġ lill-Malitin u bdew isiru l-operazzjonijiet hawn Malta u s-soċjetà konvenuta saret l-aġent tas-soċjetà attriċi f'Malta. Fis-snin ta' wara x-xogħol beda jiżdied, għax kien ikun hemm pazjenti li kien ikollhom bżonn *parts* kull tliet xhur. Wara laqgħa ma' Karl Farrugia, CEO tal-*purchasing* l-Isptar Mater Dei, inħarġet sejħa għall-offerti għall-apparat tal-widnejn li jiġi impjantat permezz ta' operazzjoni. Buontempo jgħid li l-apparat li kien soġġett għat-*tender,* jeżistu kumpaniji oħra li jagħmluh.

Ix-xhud Pierre Buontempo jgħid illi l-offerta għall-imsemmi *tender* kien ħa ħsieb jimmlija Riccardo Licari u ġiet iffirmata minn Albert Buttigieg għan-nom tas-soċjetà konvenuta f'isem is-soċjetà attriċi. Ix-xhud jgħid li s-soċjetà attriċi għandha kull tip ta' *implants*, inkluż dawn li jistgħu jgħaddu minn ġo MRIs mingħajr ma jiġrilhom ħsara. Huma ttenderjaw b'apparat tip Tesla 3, iżda minflok intgħażel appart ta' tip ieħor 1.5 li kien ġie offrut minn terz. Huma kienu appellaw mid-deċiżjoni għax ħassew li kellu jintgħażel apparat tat-tip bħal dak speċifikat fis-sejħa. Buontempo jgħid illi s-soċjetà attriċi kienet għażlet lil Profs. Ian Refalo biex jirrappreżentaha fl-appell u Riccardo Licari stess kien bagħatlu nies tagħhom biex jagħtu l-ispjegazzjonijiet meħtieġa u eventwalment l-appell quddiem il-Procurement Board kienu rebħuh[10] u min-naħa tas-soċjetà attriċi kienu qalulhom li ser jirrifonduhom €13,000 bħala spejjeż. Però mill-Bord tat-Tenders kienu qalulhom li issa kellhom imorru quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u sadanittant it-terz beda jissupplixxi l-apparat mediku tiegħu lill-Gvern u komplew isiru l-

[10] Però mid-deċiżjoni jirriżulta li s-soċjetà konvenuta tilfet l-appell u proprju għalhekk din appellat quddiem il-Qorti tal-Appell.

operazzjonijiet f'Malta. Finalment ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li x-xhud isejjaħ ambigwa, li nqatgħet kontrihom. Ix-xhud jgħid li kien għadu in kuntatt ma' Licari, li staqsih x'kien ser jiġri issa. Kien f'dak l-istadju li huwa rċievha ittra minngħand Dr Joseph Camilleri għan-nom tas-soċjetà attriċi fejn talbet il-ħlas tal-affarijiet li kien hemm fl-uffiċini tas-soċjetà konvenuta, li però llum ma tistax tużahom. Buontempo jgħid ukoll li bħala bilanċ is-soċjetà konvenuta mhijiex qed ikkontestah u qal *"jien qatt ma ġġustifikajtlek li m'għandnix nagħtuhomlu".*[11] Però jgħid li huma kienu ordnaw l-apparat fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi għax kienu ser jagħmlu operazzjonijiet qabel it-*tender*, apparat biex ittaqqab fir-ras, u dak kien imħallas, però minbarra dan, kien hemm l-apparat u l-affarijiet l-oħra li maqgħudin katina u proprju hawn jgħid li *"l-ammont li huwa reklamat huwa dovut."*[12]

Buontempo jgħid li meta ordnaw l-apparat mediku kienu qegħdin isiru l-operazzjonijiet, però issa li nqalgħu mit-*tender* ma jistgħux jużawh. Spjega li l-apparat li għandhom l-uffiċini tagħhom huma *blades,* speċi ta' *driller* u apparat ieħor tagħhom li jintuża waqt l-operazzjonijiet u li ilu xi sena u nofs ma jintuża. Ix-xhud jammetti li qabel dan l-apparat kien ilu jintuża għax mingħajru ma setgħux isiru dawn it-tip ta' operazzjonijiet. Fuq domanda ta' din il-Qorti jekk kinux iħallsu għall-apparat, ikkonferma li kienu ħallsu u fuq domanda suċċessiva għaliex dan l-ammont bilanċjali għall-apparat mediku ma tħallasx, Buontempo qal li l-apparat kien jiswa €40,000 u l-bilanċ dovut kien għal *implants* u aċċessorji. Ix-xhud spjega li għalkemm l-ammont huwa dovut, jekk kien l-aġent, jippretendi kumpens jekk ma jibqax aktar l-aġent.

[11] *A fol.* 73 .
[12] *Ibid.*

Mistoqsi wkoll mill-Qorti[13] jekk l-apparat mediku li hemm bilanċ dovut fuqu kinux ordnawh meta kienu għadhom aġenti tas-soċjetà konvenuta, wieġeb fil-pożittiv però ma ħallsux għax kellhom 90 jum kreditu. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm ftehim bil-miktub li juri li s-soċjetà konvenuta kienet aġent tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud ikkonferma wkoll li t-*tender* sar bi ftehim mas-soċjetà attriċi u dan hu ftehim bil-miktub. Hu spjega li kienu jieħdu kummissjoni ta' 20% fuq *parts,* għax is-soċjetà attriċi kellha l-prezzijiet fuq il-*website* tagħha, li jista' jarahom kulhadd. Mistoqsi dwar it-*transfer instructions* ta' €25,000 il-wieħed li qatt ma wasslu għand is-soċjetà attriċi, Pierre Buontempo jgħid li dawn il-pagamenti kienu joħorġu awtomatikament wara 60 ġurnata sa ammont massimu ta' €25,000 u kienu twaqqfu fuq ftehim ma' Riccardo Licari li qallu biex l-ewwel jaraw x'pendenzi u spejjeż kellha s-soċjetà konvenuta, biex imbagħad jaraw kemm baqa' x'jitħallsu huma.

Waqt ix-xhieda tiegħu Buontempo ppreżenta kopja tal-ittra tad-Dipartiment tal-Kuntratti datata 13 ta' April, 2012 fejn is-soċjetà konvenuta ġiet infurmata li ma rebħitx it-*tender*[14], kopja tal-ittra ta' Albert Buttigieg lill-Public Contracts Review Board li s-soċjetà konvenuta kienet ser tappella u li f'dan l-appell kien ser ikollha l-għajnuna tal-*principals* tagħha u kopja taċ-*cheque* tal-ħlas ta' €13,500 bħala depożitu għall-appell[15], u kopji ta' *e-mails* li juru li kienu qegħdin iżommu lil Riccardo Licari aġġornat b'dak li kien qed iseħħ.[16] Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Public Contracts Review Board datata 11 ta' Lulju, 2012 (*Case no. 430*)[17] li effettivament ma ddeċidiex favur is-soċjetà konvenuta, mhux kif sostna aktar qabel Pierre

[13] *A fol.* 76.
[14] *A fol.* 134.
[15] *A fol.* 135 sa 137.
[16] *A fol.* 138 sa 142.
[17] *A fol.* 143 sa 150.

Buontempo fix-xhieda tiegħu, imma ċaħad l-appell għax skont id-dokument tat-*tender* l-apparat li kien qed jintalab seta' jkun jew Tesla 3 jew Tesla 1.5 u t-terz li ntgħażel allura kien ssottometta l-offerta tiegħu korrettement. Minn din id-deċiżjoni jirriżulta li għas-soċjetà konvenuta kienu qegħdin jidhru kemm Albert Buttigieg u l-Profs. Refalo, kif ukoll Riccardo Licari u Jochen Nikolai, espert mibgħut mis-soċjetà attriċi. Finalment Pierre Buontempo esebixxa kopja tal-avviż tas-smigħ tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mid-deċiżjoni tal-Review Board[18] u kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Trebee Ltd. *vs.* Id-Direttur tal-Kuntratti, Government Pharmaceutical Services** fejn ċaħdet l-appell tas-soċjetà konvenuta.[19]

Pierre Buontempo ttella' jixhed ukoll mis-soċjetà konvenuta[20] u mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim bil-miktub li t-*tender* kellu issir għan-nom tas-soċjetà attriċi, jgħid li hu kien ġabar id-dokument tat-*tender,* għaddieh lis-soċjetà attriċi biex jimlewh u huwa ssottometta t-*tender* bħala aġent tas-soċjetà attriċi.[21] Buontempo jgħid li dwar dan kienu ħadu l-istruzzjonijiet mingħand Riccardo Licari. Ix-xhud jgħid ukoll li kienu effettwaw il-ħlas fuq il-*website* tal-Gvern biex ħallsu għad-dokument tat-*tender*[22]*,* u kienu għamlu garanzija bankarja fl-ammont ta' €20,000.[23]

Pierre Buontempo jispjega li għalkemm kollox kien sar fuq isem is-soċjetà konvenuta, fl-appell kienu qed jidhru wkoll Riccardo Licari u Jochen Nikolai

[18] *A fol.* 151.
[19] 25.02.2010, *a fol.* 152 sa 160.
[20] *A fol.* 163 sa 171, 188 sa 191 u 204 sa 209 tal-proċess.
[21] Mid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti jirriżulta *a fol.* 127 li bħala *signature of tenderer* u isem kien hemm ta' Albert Buttigieg u bħala kumpanija Trebee Company Limited u t-timbru tagħha. Mid-dokument tat-tender ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta kienet qed tidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi.
[22] Irċevuta a *fol.* 172 fejn jidhru l-ismijiet tas-soċjetà konvenuta u ta' Pierre Buontempo.
[23] Maħruġa mill-Bank of Valletta p.l.c. għan-nom tas-soċjetà konvenuta.

għas-soċjetà attriċi u dejjem huma kienu qegħdin jagħtu l-struzzjonijiet. Dan ix-xhud jgħid li Riccardo Licari kien wegħdu bil-fomm li se jirrifonduhom tal-ispejjeż kollha. Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tar-Rikors tal-Appell li sar mis-soċjetà konvenuta kontra d-Direttur tal-Kuntratti *et.*[24]

Ix-xhud esebixxa wkoll dokumentazzjoni relatata mal-i*sponsorship*[25] li s-soċjetà konvenuta għamlet lil Ħamrun Nursery, għad li fuq il-gerijiet tagħhom dawn kellhom reklamar tas-soċjetà attriċi, ċjoè ta' Cochlear u Baha, prodott ieħor tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud jgħid li anki Riccardo Licari kien iffirma d-dokument tal-i*sponsorship* ta' Ħamrun Nursery. Tul erba' snin Buontempo jgħid illi nefqu madwar €15,000 għall-imsemmi *sponsorship* u li għadhom ma tħallsux tagħhom mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud ippreżenta wkoll korrispondenza oħra li turi li huma kienu qegħdin jirreklamaw il-*brand name* ta' Cochlear u spjega li la issa ma kinux ser jibqgħu l-aġenti tagħhom, ried jiġbor l-ispejjeż kollha li għamlu, inkluż safar, *training* ta' nies eċċ, imma ammetta li dwar dan is-soċjetà konvenuta għadha sal-lum ma bagħtitx kont lis-soċjetà attriċi.

Din il-Qorti tosserva illi sakemm l-affarijiet bejn il-partijiet kienu għaddejjin sew, is-soċjetà konvenuta qatt ma talbet rifużjoni tal-flus li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tonfoq biex tinvesti f'din ir-relazzjoni mas-soċjetà attriċi u eventwalment tgawdi hi stess mill-ħlas ta' kummissjonijiet. Barra minn hekk is-soċjetà konvenuta ma għamlet l-ebda kontrotalba kontra s-soċjetà konvenuta fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri.

---

[24] *A fol.* 183 sa 185.
[25] *A fol.* 192 sa 202.

Ix-xhud Pierre Buontempo ppreżenta wkoll kopja tal-kontijiet tal-ispejjeż tal-Profs. Refalo fis-somom ta' €310.59, €174.70, €1,105.50, €5,622.69[26], it-taxxa uffiċjali tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[27] u lista tal-apparat mediku ta' Cochlear mingħajr prezzijiet li għadu għand is-soċjetà konvenuta.[28]

Pierre Buontempo jgħid li mhux minnu dak li ntqal fix-xhieda tar-rappreżentanti tas-soċjetà attrici li sostnew illi din kellha tħallas lis-soċjetà konvenuta biss nofs l-ispejjeż tal-kawża u jgħid ukoll li Riccardo Licari kien wegħdu li s-soċjetà attriċi kienet ser tirrifondihom ta' kollox. Buontempo jgħid illi ġaladarba ma jibqgħux aktar aġenti tas-soċjetà attriċi, allavolja sal-lum safejn jaf hu għadhom l-aġenti, jippretendi li jirritorna lura lis-soċjetà attriċi l-apparat li baqa' għand is-soċjetà konvenuta. Buontempo jgħid illi ma kienx tkellem dwar dan ma' Riccardo Licari u ladarba llum jaf li Riccardo Licari m'għadux involut aktar fis-soċjetà attriċi, m'għadx għandu kuntatt ma' ħadd mis-soċjetà attriċi.

In kontroeżami Pierre Buontempo jammetti[29] li ma kienx hemm ftehim bil-miktub dwar rifużjoni ta' spejjeż tal-appelli mid-deċiżjoni tat-*tender.* Meta muri mill-avukat tal-kontroparti d-*distribution agreement* eżistenti bejn il-partijiet[30], Buontempo jaqbel li dak kien il-ftehim li kellhom bil-miktub, liema ftehim però ma jsemmi xejn dwar ritorn ta' *stock* mhux mibjugħ.

---

[26] *A fol.* 213 sa 216.
[27] *A fol.* 217.
[28] *A fol.* 219 sa 221.
[29] *A fol.* 223.
[30] A *fol.* 225 sa 241.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi għar-rigward ta' min mill-partijiet għandu fuqu l-*onus probandi,* l-oneru li jipproduċi l-provi u għar-rigward tal-kredibbiltà tax-xhieda f'każ bħalma huwa dan ta' verżjonijiet konfliġġenti ta' xhieda mressqa mill-partijiet dwar ftehim li seta' kien hemm bejniethom rigward ir-ritorn ta' oġġetti mhux mibjugħa, qed isir riferiment għal dawn l-insenjamenti fil-ġurisprudenza nostrali:

Hu risaput li l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi iżda wkoll abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min qed jallega jrid jipprova hu dak li qed jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, filwaqt li s-soċjetà attriċi trid għalhekk tipprova t-talba tagħha, is-soċjetà konvenuta trid tissostanzja dak li qiegħda tasserixxi fl-eċċezzjonijiet tagħha li bejn il-partijiet kien hemm arranġament ta' *sale or return* u li l-infiq li sar għall-appelli, *sponsorship, training* eċċ. kienu qed jagħmluhom mhux a spejjeż tagħhom, iżda a spejjeż tas-soċjetà attriċi.

Meta jkun hemm kuntrast bejn il-verżjonijiet imressqa mill-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[31] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[32]

---

[31] **Borg vs. Bartolo**, Appell Inferjuri, 25.06.1980.

[32] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., (08.04.1994), **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., (17.07.1981), **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** Appell Kummerċjali (25.02.1952).

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Kif ingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[33]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[34] irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi

[33] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, Qorti Ċivili, 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[34] 02.06.2003.

waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[35]"

Illi fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella**[36], ġie kkonfermat li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għal għarrieda e.g. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-gudikant".

Dwar il-provi li għandhom jitressqu mill-partijiet f'kawża, il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** [37] fejn ingħad illi:

[35] Ara wkoll P.A., 09.12.2011 **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***
[36] Appell Ċivili, 05.10.2001.
[37] Appell Ċivili (Sede Inferjuri), 12.04.2007.

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezz-ament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol.XXIV. P.i, p.104)".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro. et noe. vs.* Joseph u Charles Fino**[38] jingħad:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet" (sottolinejar tal-Qorti)."

Għar-rigward ta' interpretazzjoni ta' kuntratti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited *vs.* L-Ghajn Construction Company Limited**[39], ingħad:

> "Hawhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materji ta' kuntratti –
>
> i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili; **Carmelo Bajada *noe vs.* Fr. S. Cachia *et noe*** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju 1973);
>
> ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal interpretazzjoni (**Vol.XXXIV.i.p27**). L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.
>
> iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi nterpretat b'mod univoko għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha **u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-**

[38] Q.A. (Sede Superjuri) datata 24.09.2004.
[39] 28.06.2011.

> **partijiet kellha f'rasha**[40] u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien (**J. Bartolo *et vs*. A. Petroni** deċiża 7 ta' Ottubru 1997)".
>
> iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot" (**J. Zammit *vs.* Michael Zammit Tabone *et noe*** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar 1997)."

Abbażi ta' dan l-insenjament applikat għall-provi mressqa mill-partijiet f'din il-kawża, liema provi ġew mgħarbla akkuratament mill-Qorti, irid jiġi stabbilit x'kien eżattament il-ftehim bejn il-partijiet dwar l-apparat mediku kkonsenjat mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta u dwar it-*tender* mertu ta' din il-kawża, jekk kienx hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar tpaċija u jekk ġietx ippruvata s-somma mitluba mis-soċjetà attriċi mingħand is-soċjetà konvenuta.

Fl-ewwel lok jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova li l-ammont li qiegħda titlob huwa dovut. Però jekk min-naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta qiegħda tallega li kien hemm xi ftehim mas-soċjetà attriċi li l-apparat mediku *inkwistjoni* kien qed jiġi kkonsenjat mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta bħala aġent tagħha *on a sale or return* basis jew li kien hemm xi ftehim ieħor li s-soċjetà konvenuta mhux biss tingħata kummissjoni iżda li tiġi rimborżata wkoll tal-ispejjeż, dakollu jrid jiġi ppruvat minn min qiegħed jallega dan, u ċjoè s-soċjetà konvenuta.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta filwaqt li mhijiex qed tikkontesta illi ġiet fornuta bl-apparat mediku li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tiegħu, u lanqas mhi qiegħda tikkontesta l-*quantum* pretiż, hija qiegħda ssostni li l-fornitura ta' "parti sostanzjali" minn dan l-apparat kienet in konnessjoni ma'

[40] Enfażi ta' din il-Qorti.

*tender* li fih ipparteċipat is-soċjetà konvenuta għan-nom tas-soċjetà attriċi u l-apparat mediku kien soġġett li jiġi ritornat lura jekk it-*tender* jintilef. Ma jirriżultax mill-*exclusive distribution agreement,* li kien sar mill-partijiet f'Ġunju 2015[41], illi kien hemm xi ftehim dwar dawn it-tip ta' arranġamenti, għal kuntrarju ta' dak li qed jippretendi Pierre Buontempo għas-soċjetà konvenuta wara li din sabet ruħha f'pożizzjoni diffiċli għax intilef *tender* importanti. Id-dokumenti relatati mat-*tender* u mal-appelli dwar it-*tender* saru kollha f'isem is-soċjetà konvenuta. Veru li quddiem il-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi dehru żewġ uffiċjali tas-soċjetà attriċi, imma dan għamluh bħala esperti biex jassistu lis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi bl-ebda mod ma tinkwadra ruħha direttament fil-proċess kollu tat-*tender* sas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

Barra minn hekk is-soċjetà konvenuta wara li gawdiet għal tul ta' żmien mill-użu li għamlet tal-apparat mediku li kienet akkwistat mingħand is-soċjetà attriċi, kif fil-fatt ġie ammess minn Pierre Buontempo li dan l-apparat kien ilu jintuża, issa li baqgħalhiex aktar użu għal dan l-apparat mediku għax tilfet it-*tender*, is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li tiġi kkumpensata mis-soċjetà attriċi. Għalkemm skont l-imsemmi *exclusive distribution agreement,* mal-konsenja ir-riskju rigward l-apparat mediku kien jgħaddi fuq is-soċjetà konvenuta, minħabba iċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom, is-soċjetà konvenuta issa qiegħda tippretendi li dan l-appart mediku jiġi ritornat lura lis-soċjetà attriċi. Fil-fatt l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta f'dan is-sens hija li stante li l-fornitura ta' ħafna minn dan l-apparat kien soġġett għat-*tender,* wara li tilfet it-*tender* is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li l-apparat mediku għandu jiġi ritornat lura lis-soċjetà attriċi. Però dak li qiegħda

[41] *A fol.* 225 sa 241.

tippretendi s-soċjetà konvenuta bħala dritt, ma jirriżulta mkien fid-dokumentazzjoni li ġiet esebita in atti. Is-soċjetà konvenuta ħadet dan ir-riskju għax kienet tħossha f'pożizzjoni b'saħħitha biżżejjed li ser tirbaħ it-*tender* u sakemm kien għaddej il-proċess tat-*tender* ma kellha ebda problema li żżomm *stock* sostanzjali. Kien biss wara li falliet fit-*tender*, li bdiet tippretendi affarijiet li ma kinitx qed tippretendi qabel. Fix-xhieda tiegħu Pierre Buontempo, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, li qabel u aċċetta bħala dovuti l-*invoices* li bagħtet is-soċjetà attriċi, jikkonferma li qabel ma tilfet it-*tender* qatt ma kien hemm xi talba min-naħa tas-soċjetà konvenuta għal spejjeż li hi kienet qed tagħmel biex tippromwovi l-prodotti tas-soċjetà attriċi. Fuq kollox kien fl-interess tas-soċjetà konvenuta stess li tagħmel dawn l-ispejjeż biex finalment ikollha aktar bejgħ, li minnu kienet qiegħda ddaħħal kummissjoni ta' 20%.

Pierre Buontempo ma tax tweġiba konvinċenti meta mistoqsi għaliex is-soċjetà konvenuta ma ħallsitx il-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi għall-apparat mediku u l-*parts* akkwistati minnha meta kollox kien miexi sew bejn il-partijiet. Buontempo ma kienx jaf jispjega b'mod konvinċenti għalfejn waqqaf erba' *transfer instructions* li kienu jammontaw għal €100,000. Din il-Qorti tqis bħala inverosimili għall-aħħar l-ispjegazzjoni li ta Pierre Buontempo li dan kien sar bi ftehim mar-rappreżentant tas-soċjetà attriċi sabiex is-soċjetà konvenuta ma tispiċċax tħallas aktar milli kien dovut lis-soċjetà attriċi, aktar u aktar meta qatt qabel ma kienu saru mis-soċjetà konvenuta talbiet f'dan is-sens lis-soċjetà attriċi. Dan l-aħħar tentattiv da parti tas-soċjetà konvenuta biex tiġġustifika li ma tħallasx id-dejn dovut lis-soċjetà attriċi, l-allegat ftehim verbali invokat minn Pierre Buontempo fix-xhieda tiegħu, fl-aħħar mill-aħħar ma jinkwadrax

ruħu fl-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tenut kont ukoll tal-fatt illi s-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda kontrotalba f'dan is-sens.

Tqis għaldaqstant li jirriżulta ampjament li l-*exclusive distribution agreement*[42], ma kienx ikopri ebda dritt ta' restituzzjoni ta' apparat mediku mhux mibjugħ jew ta' apparat mediku li ma kienx aktar possibbli li jintuża aktar jew li naqas ferm l-użu tiegħu.

Kwantu għal xi ftehim li kien hemm bejn il-partijiet dwar it-*tender*, kif diġà ngħad, kulma ġie ppruvat mis-soċjetà konvenuta kien li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tagħti l-assistenza tagħha lill-aġent esklussiv tagħha f'Malta biex jirbaħ it-*tender,* għax finalment dan kien fl-interess tagħha wkoll. Fil-fatt mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet diġà bdiet tibbenefika mill-investiment li kienet għamlet għax għal ċertu perjodu ta' żmien f'Malta kien qed jiġi użat biss l-apparat mediku tas-soċjetà attriċi. Meta nħareġ it-*tender* skont ir-regolamenti għall-akkwist pubbliku, is-soċjetà konvenuta ovvjament bl-assistenza tas-soċjetà attriċi peress li l-offerta kienet qed issir b'prodotti minn tagħha, tefgħet l-offerta tagħha bbażata fuq l-*expertise* tas-soċjetà attriċi. Però mkien ma jirriżulta li l-bejgħ tal-apparat mediku li kien sar qabel, kien b'xi mod ikkundizzjonat fuq jekk jintrebaħx it-*tender* jew le. Is-soċjetà konvenuta evidentement ħadet ir-riskju għax ħasset li kienet f'pożizzjoni tajba ħafna li tirbaħ it-*tender.* Illum ma tistax b'xi mod tbiddel il-ftehim li hemm mas-soċjetà attriċi għax ma marx kollox kif kienet ippjanat hi.

[42] Liema ftehim ma ġiex esebit mis-soċjetà konvenuta nonostante li Pierre Buontempo fix-xhieda tiegħu kontinwament jagħmel riferiment għal dan il-ftehim, u liema ftehim ġie fil-fatt esebit mis-soċjetà attriċi, u kkonfermat minn Pierre Buontempo bħala kopja vera tal-oriġinali.

Dak li tikkontendi s-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha li t-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas ma kinitx ibbażata fuq l-ftehim ta' distribuzzjoni, iżda fuq ftehim speċifiku partikolari ikkundizzjonat fuq li jintrebaħ it-*tender* li skont hi kien qed isir għan-nom tas-soċjetà attriċi, bl-ebda mod ma huwa kkonfermat jew ikkorraborat mill-provi li ġew ippreżentati. Mill-provi jirriżulta illi ftehim wieħed biss kien hemm bejn il-partijiet u dan kien il-ftehim ta' distribuzzjoni. It-*tender* sar mis-soċjetà konvenuta f'isimha proprju, ovvjament bl-għajnuna tas-soċjetà attriċi għax anki din kienet ser tiggwadanja b'aktar ordnijiet jekk is-soċjetà konvenuta tirbaħ it-*tender*. Tqis għaldaqstant li din it-teżi difensorjali tas-soċjetà konvenuta ma treġix għax m'għandha ebda bażi fattwali u ma tistax tiġi aċċettata. Oltre dan il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti mhijiex waħda ta' interpretazzjoni tal-kuntratt ta' distribuzzjoni u allura ma tapplikax il-klawsola ġurisdizzjonali stipulata f'dak il-kuntratt, iżda hija waħda sempliċi dwar ħlas ta' merkanzija fornuta lis-soċjetà konvenuta.

Kwantu għall-kwistjoni ta' tpaċija mqanqla mis-soċjetà konvenuta permezz tax-xhieda ta' Pierre Buontempo u anki bin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta, fl-ewwel lok ma saret ebda eċċezzjoni mis-soċjetà konvenuta dwar tpaċija u lanqas ma saret kontrotalba f'dan is-sens. Is-soċjetà konvenuta bil-provi li ressqet, iffokat ħafna fuq l-spejjeż li hija tgħid li kienet għamlet biex tippromwovi l-prodotti tas-soċjetà attriċi li kienet aġenta tagħha. Ladarba s-soċjetà konvenuta allegat li hija kellha tiġi rimborżata mis-soċjetà attriċi tal-ispejjeż li għamlet, dan kellha tipprovah is-soċjetà konvenuta. Madankollu l-uniċi provi li tressqu mis-soċjetà konvenuta kienu li veru ntefqu flus fuq il-promozzjoni tal-prodotti tas-soċjetà attriċi u li veru li hija daħlet fi spejjeż biex tipprova tirbaħ it-*tender,* però ma tresqu ebda provi li kien hemm

xi ftehim biex issir ir-rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż mis-soċjetà attriċi. Anzi Pierre Buontempo fix-xhieda tiegħu jagħti x'jifhem li s-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li jsir ir-rimbors proprju għax ma rebħietx it-*tender* u kieku rebħitu ma kinitx tqum il-kwistjoni.

Apparti l-fatt li ma saret ebda eċċezzjoni f'dan is-sens, xorta waħda biex tali difiża tkun tista' treġġi, l-ammont reklamat bit-tpaċija jrid ikun ċert, likwidu u dovut. Minbarra s-sentenzi kkwotati mis-soċjetà attriċi fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha[43], fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Raymond Vella *vs.* Moby Rentals Limited**[44] ingħad dan li ġej:

> "Aggravju konness ma' dan l-ewwel wieħed hu dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tat-tpaċija. Is-soċjetà appellanti tissottometti illi x-xogħol u s-servizzi li kienu jiġu provduti reċiprokament mill-kontendenti kienu kollha jsiru *ex gratia* mingħajr ebda pretensjoni kontra xulxin. Dan għaliex il-kontendenti kienu ħbieb kbar u għal kull bżonn li kien jinqala' kienu jfittxu li jgħinu lil xulxin. Din il-Qorti diffiċilment tifhem kif dawn il-premessi jistgħu iservu ta' fondament għall-eċċezzjoni tat-tpaċija meta dak li effettivament qed issostni s-soċjetà appellanti hu illi ma kienux jeżistu djun reċiproċi: proprju l-antitesi tal-istitut tat-tpaċija. F'kull każ m'hemmx għalfejn wieħed jissottolineja illi l-eċċezzjoni tat-tpaċija *ex lege* u *ipso jure*, kif tippretendi li seħħet is-soċjetà appellanti, setgħet biss issir bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. Hu għalhekk qed jiġi ritenut illi "imma l-kompensazzjoni ma tistax tiġi invokata bħala li operat ruħha *ipso jure* għar-rigward ta' krediti li ma kienux ammessi mill-parti l-oħra" (Volum XXXVII.i.490) (l-**Avukat Dr. José Herrera *noe vs.* Victor Tabone *noe***, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1995)."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Felice *et vs.* Anthony Pisani**[45] ntqal:

[43] **Vella *vs.* Falzon,** P.A., 02.06.2014 u **Citadel Insurance p.l.c. *vs.* Laferla Insurance Agency Limited,** P.A., 27.02.2007 u is-sentenzi hemm imsemmijin.
[44] 22.11.2001.
[45] P.A.datata 18.04.2013.

"Apparti dak li diġà ngħad, l-ewwel eċċezzjoni tirreferi għal tpartit waqt li r-raba' eċċezzjoni tirreferi għal tpaċija. In partikolari, il-konvenut jaċċenna għall-fatt illi l-akkwist tal-vettura de qua kien l-effett ta' tpartit. Mill-provi rriżulta li l-konvenut kiseb il-vettura de qua, mhux mingħand l-attur iżda mingħand terzi. Biex kiseb il-vettura, il-konvenut mhux biss ħallas xi flus iżda anke partat xi oġġetti. It-terz li kiseb l-oġġetti li ħa mingħand il-konvenut mhuwiex parti fil-kawża tal-lum.

L-Art 1197 tal-Kap. 16 jaqra hekk –

(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.

(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.

Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu, 2012 fil-kawża **Farrugia *pro et noe vs*. Exalco Holdings Ltd** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –

Illi jibda biex jingħad li t-tpaċija sseħħ hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta' xulxin.

Kemm hu hekk, din it-tpaċija ssir bis-saħħa tal-liġi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri ma jkunux jafu li qegħda sseħħ. It-tpaċija sseħħ fejn ikun hemm żewġt idjun li jkollhom somma ta' flus jew ħaġa funġibbli ta' l-istess speċi u dan sakemm iż-żewġt idjun ikunu likwidi u dovuti;

Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni. Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi t-tpaċija sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "*i debiti si estinguono*

*non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge* ...";

Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skont kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f`dik li hija kwantità, u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu;

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-dottrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*".

Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorità interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioè in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non può parlarsi di compensazione in senso tecnico*";"

Fis-sentenza fl-ismijiet **San Andrea School *vs*. David Mallia *et***[46], il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet:

[46] 28.06.2013.

> "Illi sabiex topera t-tpaċija jeħtieġ li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm żewġt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin; li jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli; li jkunu ġew likwidati jew faċilment likwidabbili; li jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-ġurisprudenza patria li ttpaċija ma tistax isseħħ dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont tagħhom ikun kontestat [ara fost oħrajn App.Ċ **Giuseppe Schembri *vs.* Giuseppa Chircop** deċiża 14 Jannar, 1955; PA **Anthony Calleja *vs.* Joseph Debono** deċiża 1 Frar, 1964; App.Ċ **Onor. Carm Lino Spiteri *vs.* Director of Public Works** deċiża 25 Jannar, 1998; Q.Kum. **Avukat John Mamo *vs.* Edward Borg** deċiża 1 Ġunju, 1990; PA **Joseph Borg noe *vs.* Norman Buckle** deċiża 12 Diċembru, 2002; u App.**Perit Vincent Cassar *vs.* Nicholas Debono** deċiża 22 Marzu, 2005]".[47]

Illi fil-każ odjern jirriżulta li ma jeżistux l-elementi meħtieġa għal tpaċija, tenut ukoll kont tal-fatt li s-soċjetà attriċi mhijiex qed tikkonċedi bl-ebda mod li għandha xi debitu fir-rigward tas-soċjetà konvenuta. Oltre dan ma saret ebda kontrotalba f'dan is-sens mis-soċjetà konvenuta u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tkompli tikkunsidra jekk tassew kienx hemmx xi ħlas dovut lis-soċjetà konvenuta.

Tqis illi Pierre Buontempo għan-nom tas-soċjetà konvenuta, fix-xhieda tiegħu jammetta li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi huwa dovut u l-fatt li Buontempo stess qed jippretendi li ssir tpaċija, dan ukoll jista' jitqies bħala ammissjoni li dak li qed jiġi mitlub mis-soċjetà attriċi huwa dovut.

> "Issa hu ormai paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-eċċezzjoni tat-tpaċija kienet inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Ġie infatti hekk ritenut :-
>
> "L-artikolu 1196 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, isir bejniethom it-tpaċija *ipso jure*. Din it-tpaċija ssir

[47] *Vide* f'dan is-sens Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet **Carmelo Galea *vs.* Amabile Zammit,** 01.04.2016.

mingħajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, u d-djun jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu indaqs".

L-artikolu 1197 tal-Kap. 16 jistabilixxi illi t-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus ……. u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. Minn dan naraw illi l-eċċezzjoni tat-tpaċija fiha nfisha tammonta għall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss m'għandux jitħallas għax huwa paċut minn ammont ieħor dovut mill-kredituri. Għalhekk l-eċċezzjoni tat-tpaċija sollevata mill-konvenut ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni blli ma jistax ikun hemm tpaċija kemm-il darba l-kreditu mhux dovut għax dan huwa preskritt (**Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella**, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-3 ta' Mejju 1993)."[48]

Barra minn hekk fl-istess sentenza jingħad illi:

"Ir-resokont f'termini ġuridiċi tal-premess, meta applikati għall-każ tal-lum, għandu jfisser illi bil-fatt biss illi fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenut għazel *motu proprio* li jeċċepixxi t-tpaċija dak għandu jfisser illi l-konvenut kien qiegħed jaċċetta illi huwa debitur tal-attur."[49]

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, it-talbiet attriċi għandhom jiġi milqugħa.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta konvenuta;**

[48] **Raymond Vella *vs*. Moby Rentals Limited,** suċitata.
[49] **Francis Felice *et vs*. Anthony Pisani**, suċitata.

2. **Tilqa' it-talbiet attriċi billi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Trebee Company Limited hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf, seba' mija u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€124,720.39), bilanċ minn somma akbar, prezz ta' apparat mediku mibjugħ u kkonsenjat fuq ordni tal-istess soċjetà konvenuta.**

3. **Tordna lis-soċjetà konvenuta Trebee Company Limited tħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmija somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf seba' mija u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€124,720.39).**

**Bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata għal debiti kummerċjali skont il-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.